**QORTI TA’ L-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D., MAG.JUR. (EUR.LAW)**

**Seduta ta’ nhar-il Erbgħa 22 ta’ Marzu 2017**

**App. Nru. 164 / 2012 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Omissis**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Omissis, detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru XX talli nhar l-24 ta’ Awwissu 2004, fl-inħawi ta’ Delimara, Marsaxlokk, għall-ħabta ta’ 3.30 p.m.:

(1) b’egħmil żieni kkorrompa lil DB ta’ 14-il sena (1990), RG1 ta’ 14-il sena (1990), LF ta’ 12-il sena (1992), u RG ta’ 12-il sena (1992);

(2) offenda l-pudur jew il-morali b’għemil li sar fil-pubbliku jew f’post espost għall-pubbliku;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-15 ta’ Marzu 2012 li permezz tagħha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi

Omissis ħati ai termini ta' l-artikolu 203 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u qieset l-artikolu 209 bħala wieħed kompriż u nvolut u, wara li rat l-istess artikoli 203 u 209 imsemmija, kif ukoll l-artikolu 544 ta' l-imsemmi Kap. 9, ikkundannatu għal piena karċerarja ta' sena u nofs, dan wara li rat il-fedina penali tiegħu;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Omissis ppreżentat fit-28 ta' Marzu 2012 li permezz tiegħu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata fejn sabitu ħati ta' l-imputazzjonijiet miġjuba kontrih, u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena. Alternattivament tirriforma s-sentenza fil-parti tal-piena, u dan billi tiġi mposta piena aktar ekwa u ġusta għall-fattispeci tal-każ;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji tal-appellant huma s-segwenti:

> "L-appellant umilment jirrileva illi, bir-rispett kollu, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt ssibu hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu a bazi tal-provi prodotti quddiemha, u konsegwentement, jilmenta illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi.
>
> "Il-prosekuzzjoni sejset il-kaz taghha **esklussivament** fuq il-verzjoni tal-fatti kif spjegati minn dawn l-erbgha (4) minuri, li fi kliemhom jghidu illi huma raw lil appellant jaghmel mossa skond huma mhux xierqa, wara illi tahom gelat bla hlas, darba peress illi huma kienu ta' l-istitut. Ghalkemm huwa minnu illi xhud wiehed, jekk emmnut, huwa bizzejjed sabiex tinstab htija, u dan minghajr ebda htiega ta' korroborazzjoni, u ghalkemm xhud jista` jigi emmnut f'dak kollu li jghid, jew *in parte*, certament f'dan il-kaz la kien *safe* u lanqas *satisfactory* illi l-Qorti tistrieh fuq id-depozizzjoni ta' dawn l-erbgha tfajliet minuri, fin-nuqqas ta' kwalunkwe prova ohra. F'dan il-kaz, jinghad illi **hadd mix-xhieda tal-prosekuzzjoni** ma kien kredibbli, tant illi dawn mhux biss lanqas jaqblu bejniethom dwar dak illi huma l-fatti tal-kaz, talli f'hafna okkazjonijiet jikkontradixxu lilhom infushom fid-depozizzjoni taghhom stess, kif se jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell. L-ewwel jghidu haga, imbaghad fl-istess nifs jghidu ohra li tikkontradici dak li jkunu qalu qabel.
>
> "Fl-ewwel lok jigi rilevat illi l-allegati vittmi huma RG1, RG, LF u DB u dan kif jirrizulta minn l-akkuzi addebitati lir-rikorrenti. Imkien f'dawn il-proceduri ma jsir accenn ghal-persuna bl-isem ta' RG. Id-depozizzjoni ta' l-ewwel xhud, giet traskritta taht l-isem ta' RG. Stante illi ma saret ebda tip ta' identifikazzjoni tax-xhud, (bhal nghidu ahna n-numru tal-karta ta' l-identita` taghha) bir-rispett kollu din il-Qorti ma tistax tassumi illi din kienet RG li qed tixhed, u li dan seta' kien frott ta' zball illi sar waqt it-traskrizzjoni tax-xhieda. Ghaldaqstant, din l-Onorabbli Qorti ma tista, fin-nuqqas ta' provi konkreti, tassumi illi dik kienet fil-fatt id-depozizzjoni ta' RG.

Konsegwentement, din ix-xhieda ghandha tigi skartata u l-Qorti ma ghandhiex tiehu konjizzjoni taghha meta tigi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha.

"In ogni caso, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, RG ma hija xhud kredibbli xejn u fil-fatt tbiddel il-verzjonijiet fi ftit hin, tant li bilkemm tiftiehem f'dak li tkun qed tghid. Ezempju car huwa l-incident li gara ma' A, il-kugin ta' DB, il-persuna li zammhom ghandu meta harbu minn Fejda, li kien gerrieh quddiemhom meta kienu qed jaraw it-televisjoni. L-ewwel taghti l-impressjoni illi dan l-incident gara qabel dan odjern, imbaghad f'sekonda tbiddel kollox u tipprova taghti l-impressjoni illi l-incident mertu ta' din il-kawza gara biss ftit xhur qabel id-depozizzjoni taghha u cioe` kwazi sena wara dan l-incident.

"Anke dwar l-incident mertu ta' din il-kawza, mhux daqshekk cara. Fil-fatt meta tiddeskrivi x'gara filli tghid illi l-appellant nizzel il-qalziet, cioe` ix-shorts, imbaghad tispicca tghid illi s-shorts qatt ma nizzlu, u l-manuvra ta' fi kliemha stess '**qisu** qed <u>igerrieh</u>' ghamilha minn gewwa x-*shorts*.

"Lanqas il-minuri bejniethom ma jaqblu dwar x'gara effettivament dak il-hin. Filwaqt illi R ssostni illi l-ewwel telghu hija u DG biss, u talbu gelat lil tal-gelat u wara gara l-incident fejn l-appellant allegatament gerrieh ghal madwar tliet (3) minuti, huma telqu u wara regghu telghu hdejh RG u LF wahedhom u regghu talbuh il-gelat. DB ssostni illi telghu kollha f'daqqa u meta gara l-allegat incident, li dam madwar tliet (3) minuti, kienu kollha hemm. Mill-banda l-ohra LF, taghti versjoni kompletament differenti tal-fatti. Din tghid illi qatt ma rat lill-appellant igerrieh, u tghid biss illi huwa hareg il-parti tieghu. Issemmi illi dan qalilhom kliem fis-sens illi flok gelat tac-cikkulata, se jaghtihom dan, b'referenza ghall-parti teighu. Ix-xhud tghid illi kien hemm zewg subien gejjin, u ghalhekk l-incident dam biss ftit sekondi. Dan ukoll jikkontrasta ma dak li qalu x-xhieda l-ohra, u cioe` illi ma kienx hemm aktar nies fil-post. Xhud iehor, li taghti verzjoni ohra, differenti hija RG. Din tghid illi hija u shabha telghu sabiex jixtru gelat b'xejn u tghid illi tal-gelat qalilhom, 'hudu dan ghax ahjar' filwaqt illi qabad il-parti tieghu. Dan il-kliem huwa differenti minn dak illi qalu x-xhieda l-ohra, u ghalhekk il-kredibilita` tax-xhieda terga tidhol in kwistjoni. R tghid ukoll illi l-appellant neza' l-qalziet u beda jmiss il-parti tieghu (fol 142). Fuq domandi tad-difiza, tichad illi l-appellant immasturba (fol 173).

"Ghalhekk jigi umilment sottomess illi x-xhieda ta' dawn it-tfajliet la tista' tissejjah konsistenti u wisq anqas veritiera.

"Inoltre, il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt illi dawn it-tfajliet qed jallegaw illi dan l-incident gara matul il-gurnata, f'Awwissu meta kulhadd imur il-bahar ghax ikun bil-vaganzi, u jitwemmnu illi ma kien hemm hadd, l-aktar meta l-appellant kellu l-van miftuh tieghu vicin ta' parkegg li jkun il-hin kollu bin-nies, gejjin u sejrin. Inoltre, huwa fatt maghruf illi dan il-lok huwa wkoll post favorit mat-turisti. Allura, kienu dawn il-minuri biss illi ha jaraw din il-mossa? U l-appellant se jissogra jaghmel hekk, f'post daqshekk espost ghall-pubbliku, meta jbiegh il-gelat. Kemm ghandu minn

lewn is-sewwa dan? Kemm huwa inverosimili illi persuna ta' certa eta`, taghmel dawn l-atti fl-aghar hin tal-gurnata, propju fis-sajf meta jkun hemm hafna nies?

"Dan il-fatt wahdu, ukoll johloq dubju dwar kemm huma veritiera dawn il-minuri, li mhux talli lanqas jaqblu bejniethom dwar kif gara l-incident, talli m'hemm korroborazzjoni ta' xejn bi prova/i ohra.

"Inoltre, meta wiehed iqis id-depozizzjoni tat-tfajliet, wiehed ma jistax jiskarta l-fatt illi dawn it-tfajliet kollha gejjin minn problemi fil-familja, u li huma mrobbijin f'ambjent xejn b'sahhtu, u li ghalhekk mhux se jiddejqu xejn jaghmlu din il-*messa in scena*. Bizzejjed wiehed jinnota illi minkejja l-eta` zghira ta' DB, hija tghid illi diga` kellha esperjenzi sesswali kompluti, u dan zmien twil qabel il-kaz. Inoltre, l-erbgha li huma jammettu illi ddejjaqhom id-dixxiplina u li gieli harbu kemm mid-dar, kemm minn l-iskola u kemm minn gewwa l-istituti, u dan sabiex anke joqoghdu jigru fil-kumpanija ta' subien ikbar minnhom. Fil-fatt RG u DB irrakkuntaw illi meta kienu harbu minn Fejda ftit xhur qabel, huma marru ghand certu A, illi waqt li kienu qed jaraw it-televizjoni, neza u mmasturba quddiemhom. Kollha, nonostante l-eta` zghira hafna taghhom, kellhom kuntatt sesswali ma' ragel, min b'mod u min b'iehor. Anke L tghid illi kellha relazzjoni sesswali ma' wiehed mill-Belt maghruf bhala x-xitan.

"F'dan l-istadju jigi umilment sottomess illi l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova wiehed minn l-elementi kardinali ta' dan ir-reat, u dan peress illi ma saritx il-prova illi bl-allegat att illi ghamel l-appellant dawn il-minuri gew korrotti.

"Bir-rispett kollu, il-Qorti ma tistax tinjora dawn il-fatti kollha meta tigi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha u b'hekk tikkonsidra din ix-xhieda b'certa kawtela.

"*A tempo vergine*, ftit sekondi biss wara li gara l-incident, il-*carer* tal-minuri Frances Scerri, affaccjat lill-appellant u staqsietu ghalfejn kien ghamel mossi, filwaqt illi neza l-qalziet quddiem it-tfal, pero` huwa minn l-ewwel cahad kollox. Meta DB qaltlu li huwa kien mahmug huwa irreagixxa ghal dan il-kliem, u skond huma dak il-hin irrabja u bhal hadha maghha, kif ukoll kien sorpriz li kienet ghajjritu hekk. Kieku dak allegat mit-tfajliet kien minnu kieku l-appellant ma kienx se jistaghgeb jew jehodha bi kbira li jghidulu hekk.

"Minn naha tieghu, l-appellanti mill-bidu nett cahad l-allegazzjonijiet maghmula fil-konfront tieghu u fil-fatt fl-istqarrija *a tempo vergine*, rilaxxata minnu dakinhar stess illi sehh l-incident, huwa cahad illi qatt ghamel dak l-att fil-prezenza tal-minuri. Mhux biss, ghalkemm l-appellant, bhala l-persuna akkuzata, kellu d-drit jibqa` sieket, huwa ghazel illi jixhed, jigguramenta l-istqarrija rilaxxjata lill-Pulizija, filwaqt illi cahad illi huwa qatt neza *shorts* u gerrieh fil-prezenza ta' dawn l-erbgha minuri. Jammetti biss illi seta' hassu xi ftit frustrat, u seta' jaghti l-kaz illi kellimhom hazin, minhabba li regghu gew jitolbuh il-gelat b'xejn meta kellu nies ohra li ried jaqdi.

"Aggravju iehor ta' l-appellant jikkoncerna dik li hija l-piena. Ghalkemm qatt ma jista` jkun gustifikat illi persuna jimmasturba jew imiss il-parti tieghu quddiem

> minuri, *dato ma non concesso* illi l-appellant vera ghamel hekk, stante illi huwa jichad illi gara hekk u jirrispingi kwalunkwe allegazzjoni, fl-aghar ipotesi wiehed ma jistax jiskarta l-portata ta' dan l-incident illi kien wiehed minimu illi dam biss ftit hin. Ma kien hemm l-ebda kuntatt fiziku mal-minuri, u ghalhekk sentenza ta' habs effettiv, certament mhux idoneja fic-cirkostanzi, tenut anke kont tal-fedina netta ta' l-imputat illi qatt ma kisser dufrejh mal-gustizzja.
>
> "Inoltre, jidher illi l-ewwel Onorabbli Qorti skartat kompletament it-trapass taz-zmien minn meta l-imputat tressaq il-Qorti bl-akkuzi odjerni, ghad-data meta l-proceduri gew konkluzi, meta giet biex tikkalibra l-piena, jinghad illi l-proceduri kontra l-esponenti hadu ben tmien (8) snin biex jigi konkluzi, u dan certament ma jistax jitqies illi l-imputat inghata smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli. Dan ifisser illi d-drittijiet fundamentali ta' l-akkuzat gew lezi u ghalhekk il-piena kellha tkun mitigata sabiex jigi rifless tali ksur. Jigi rilevat illi l-prosekuzzjoni damet hafna biex ikkonkludiet il-kaz taghha, u nonostante dan id-dewmien, l-imputat dejjem kien prezenti ghal kull seduta li nzammet. F'dan l-istadju ssir referenza ghall-gurisprudenza ta' l-Ewropa fl-ismijiet Beck vs Norway u Jensen vs Denmark li jirrigwardaw propju l-htiega ta' temperament fil-piena fil-kaz ta' trapass ta' zmien inutli. Inoltre, ma jistax ma jsirx accenn ghal fatt illi l-identifikazzjoni ta' l-appellant saret snin wara l-allegat incident."

**6.** L-ewwel aggravju jirrikjedi apprezzament mill-ġdid tal-provi. F'dan ir-rigward il-ġurisprudenza in materja ta' din il-Qorti hi ċara u kostanti fis-sens li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-ewwel Qorti jekk mhux għal raġunijiet gravi, b'mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta' dik il-Qorti fl-eventwalita` biss li l-ewwel Qorti ma setgħetx raġjonevolment u legalment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti.

**7.** Din il-Qorti eżaminat bir-reqqa l-provi kollha miġjuba quddiem l-ewwel Qorti. Qrat diversi drabi x-xiehda li taw il-minorenni. Hemm numru ta' kontradizzjonijiet li jridu jiġu senjalati.

**8.** R G tgħid illi kienu hi u DB li telgħu jitolbu ġelat mingħand l-appellant, li l-appellant qallhom li biex jieħdu ġelat b'xejn iridu jitilgħu fil-van, u li huma qalulu biex l-ewwel itihom il-ġelat, kif għamel. R G mbagħad l-ewwel tgħid li l-appellant neża' l-qalziet imbagħad tgħid li mhux neżgħu imma daħħal idu fil-parti tiegħu; aktar tard tgħid li ratu qisu qagħad iġerrieh imbagħad li hekk għamel. Tgħid li dam xi tliet minuti iżda li ma qagħditx tħares lejh għax niżlet ħdejn sħabha. Skond RG hi u DB nizlu ħdejn sħabhom bil-ġelat u dak li qalu lil sħabhom kien li l-appellant kien tahom il-ġelat b'xejn.

**9.** Ir-rakkont ta' DB hu differenti. Hi tgħid li għal ġelat marru hi, RG u LF, li l-appellant lesta l-ġelat iżda dan ħareġ il-parti tiegħu, huma ma ħadux il-ġelat u telqu

‘l isfel. Hi tgħid li lit-tifla l-oħra RG ma qalulhiex x’kien għamel l-appellant. Tgħid li l-appellant qallha biex titla’ l-van. L-ewwel tgħid li dan għamlu wara li neża’ mbagħad tgħid li qabel ma neża’. Dwar jekk kienx hemm nies mal-van l-ewwel tindika li ma kienx hemm, imbagħad li kien hemm qabilhom u l-appellant kien se jagħti lilha izda qaltlu biex jagħti lil dawk in-nies l-ewwel.

**10.** Mela hawn għandna kontradizzjonijiet evidenti bejn dak li jixhdu dawn iż-żewġ minorenni. Jekk kien hemm episodju fejn kien hemm preżenti RG u DB biss (bħalma tgħid RG1), jekk seħħ dak li qalet RG, x’wassal biex ma jgħidux lil sħabhom x’kien allegatament għamel l-appellant? Jekk RG ratu jdaħħal idu fil-parti privata tiegħu u niżlet ‘l isfel mill-ewwel, x’wassalha tikkonkludi li kien qiegħed jimmasturba? Tikkontradiċi lilha nnifisa wkoll meta tgħid li hekk qisu għamel imbagħad li hekk għamel. Dan iżda wara mistoqsijiet speċifiċi li sarulha. Difatti din il-Qorti nnutat li kultant R B bidlet xi dettalji proprju wara uħud minn dawn il-mistoqsijiet, bħallikieku kienet qed taħseb illi t-tweġiba kellha tkun skond il-kontenut tal-mistoqsija. DB fl-ebda mument ma tgħid li l-appellant immasturba iżda li ħareġ il-parti tiegħu, u dan f’okkażjoni waħda. Il-kelma “iġerrieh” intużat minn min kien qiegħed jagħmel il-mistoqsijiet u mhux minn DB.

**11.** R G 1 xehdet li l-ewwel ma telgħu għal ġelat kienu RG (oħtha) u DB u dawn niżlu bil-ġelat. Qalet li D qaltilhom li l-appellant kien tahom ġelat b’xejn. Għalhekk hi u LF ddeċidew li jitilgħu wkoll u magħhom marret DB. Qalet li D bdiet tgħid lill-appellant biex itihom ġelat u bdiet tidgħi bil-Madonna. Qalet li l-appellant saqsihom “ta’ x’hiex tridu” u neża’ l-qalziet u beda jmiss il-parti tiegħu. Hi wkoll tgħid li dis-sitwazzjoni damet xi tliet minuti. Tgħid li kienu ġejjin żewġ ġuvintur u tella’ kollox. Meta l-appellant ħareġ il-parti tiegħu, hi u LF telqu jiġru. Mela kif tista tgħid li dam tliet minuti bil-parti barra? It-tliet minuti huwa l-istess ħin li tagħti oħtha RG li, pero`,waħedha, tidher li qed tirreferi għal episodju apparentement differenti, episodju li għal DB ma jezistix.

**12.** LF kkonfermat li RG u DB telgħu waħedhom l-ewwel għal ġelat u fil-fatt irritornaw b’ġelat. Qalet li DB qaltlilhom ma jgħidu xejn lill-*carer* tagħhom li l-appellant kien tahom ġelat b’xejn. Mill-ġdid ma tistax ma tosservax din il-Qorti li mhuwiex verosimili li, kieku l-appellant għamel dak li RG tgħid li għamel, ma tirrakkontahx lil oħtha stess. Nonostante l-oġġezzjoni tal-*carer*, telgħu hi u RG1 u DB marret magħhom. DB bdiet tgħidlu jtihom ġelat u tgħajjat bil-Madonna. Qalet li l-appellant saqsa ta’ x’hiex iriduh il-ġelat, DG qaltlu taċ-ċikkulata u l-appellant qal “ħudu dan” u ħareġ il-parti tiegħu. Kienu resqin żewġ subien, hi u RG1 telqu jiġru, RG niżlet wara ftit u lil DB, li skond LF kienet se titla’ fil-van, qaltilha tiġi.

Tgħid li l-appellant mill-ewwel reġa' daħħal kollox u ma għamel l-ebda mossa, lanqas ma niżżel ix-shorts. Tgħid li DB qisha pprovokatu lill-appellant.

**13.** L-appellant xehed quddiem l-ewwel Qorti u dak li xehed bażikament jirrispekkja dak li qal waqt l-interrogazzjoni mill-Pulizija. Qal li telgħu tnejn mit-tfajliet u talbuh ġelat b'xejn. Tahom il-ġelat għax ħaseb li min kien responsabbli għalihom kienet se tmur tħallsu. Dawn it-tfajliet telqu u wara ftit minuti telgħu ma' tnejn oħra. Saqsihom xi jridu għax kellu n-nies u qalulu xejn u qabdu jidħqu. Rahom qishom jiċċajtaw bih. Waħda minnhom qaltlu biex jagħti ġelat lit-tnejn l-oħra. Hu rrabja. Jgħid: "Li għamilt għajjatt u dgħajt u għidtilhom 'ħa ngħidlkom x'nagħtikom'. U telqu 'l isfel jiġru. U sadanittant ġew in-nies u qdejthom" Huwa ċaħad li neża' l-qalziet. Ċaħad li miss il-parti tiegħu. Ċaħad li stedinhom jitilgħu fil-van.

**14.** Meħud kollox in konsiderazzjoni, u b'mod partikolari x-xiehda l-aktar kredibbli ta' LF, din il-Qorti tikkonkludi li dak li ġara kien li meta telgħu għal ġelat RG u DB ma ġara xejn ħlief li tahom il-ġelat u meta telgħu u ġie mitlub ġelati oħra għat-tnjen l-oħra huwa rrabja għax diġa` ma kienx tħallas. M'għandhiex għalfejn ma temminx li f'dak il-mument, filwaqt li qal lit-tfal kliem bħal "ngħidilkom x'nagħtikom", ċertament anke pprovokat mill-atteġġjament brusk ta' DB, huwa espona ruħu momentanejament. Li jrid jiġi determinat hu jekk dak l-att setax jikkostitwixxi korruzzjoni ta' minorenni jew attentat vjolenti għall-pudur.

**15.** Din il-Qorti tirreferi fl-ewwel lok ghal dak li qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Joseph Micallef** deciż fit-13 ta' Novembru 1998:

> **"Kif gie spjegat magistralment mill-kompjant Imhallef William Harding, fis-sentenza tat-8 ta' Jannar 1955, fl-ismijiet *Il-Pulizija v. Kelinu Mifsud* (Vol. XXXIX.iv.931), il-kriterju differenzjali senjat mil-ligi stess bejn ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni u dak ta' attentat vjolent ghall-pudur huwa wiehed negattiv, fis-sens li jekk jikkonkorru fil-fatt addebitat lill-imputat ir-rekwiziti tal-korruzzjoni ta' minorenni hemm dan id-delitt, jekk le hemm l-attentat vjolent ghall-pudur (p. 933). Din il-Qorti diga` kellha l-okkazjoni li tezamina fid-dettal l-element materjali tar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni fis-sentenza taghha tat-8 ta' Jannar 1996 fl-ismijiet *The Police v. Thomas Wiffen*. F'din is-sentenza kien gie spjegat, fi kliem il-gurista Francesco Carfora, li:**
>
> **"'Atti di libidine … debbono ritenersi tutti quei contatti e quelle manovre, che possono eccitare i sensi, anche se non giungono allo sfogo completo della libidine …. Senza poi entrare nelle varie questioni sorte nella pratica e nella giurisprudenza circa alla valutazione di singoli atti per vedere se debbasi o no**

**attriburi loro il carattere di atti di libidine … noi rileveremeo come norma generale che gli atti, a cui si riferisce la legge, debbono essere materiali <u>e di unha certa entita` e tali da aver rapporto prossimo e diretto colle funzioni sessuali</u>' (Digesto Italiano, Vol. VIII, parte 3, p.967, sottolinear tal-Qorti).**

**"Il-Qorti m'ghandhiex dubju li, taht certi cirkostanzi, li wiehed imiss is-sider ta' tfajla jista' jammonta ghal att ta' libidini. Fil-kaz ta' *Wiffen,* is-suggett attiv (missier il-minorenni) kien ta' spiss imiss is-sider ta' bintu taht it-tnax-il sena, kif ukoll xi mindaqqiet il-partijiet privati taghha (pero` dejjem minn fuq il-hwejjeg) filwaqt li kien jghidilha biex thallih jaghmel hekk sabiex ikun jista' jissodisfa l-gibdiet sesswali tieghu. F'dak il-kaz din il-Qorti kienet minghajr l-icken ezitazzjoni sabet li kien hemm atti ta' libidini fis-sens tal-ligi taghna. Mill-banda l-ohra, kif gie osservat fis-sentenza *Il-Pulizija v. Kelinu Mifsud* [Vol. XXXIX.iv.931]:**

**"'Ghandu jigi … osservat li fil-korruzzjoni ta' minorenni, appuntu minhabba mhux biss il-kliem "att ta' libidini", imma anke stante l-kelma "jikkorrompi", hemm indikata l-opera perikoluza tas-seduzzjoni, li, kif irrilevat il-Kummissjoni tal-Kamra tad-Deputati fl-Italja, fid-diskussjoni tal-progett tal-Kodici Kriminali tal-1887 (Relaz. CXCIX), ghadha tigi differenzjata minn "un fuggevole atto lesivo del pudore".**

**"Fi kliem iehor, l-istess att jista' jammonta biss ghal att leziv tal-pudur ta' dak li jkun jew, jekk ikunu jikkonkorru certi cirkostanzi li jaghmluh hekk, dak l-att ikun att ta' libidini. Il-ligi taghna tikkontempla li r-reat ta' attentat vjolent ghall-pudur jista' jigi kommess anke fuq minorenni, kif jista' jigi kjarament desunt kemm mill-fatt li l-*proviso* tal-Artikolu 207 taghmel referenza ghall-paragrafu (g) tal-Artikolu 202 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll mill-Artikolu 201(a) tal-istess Kodici. Ghalhekk wiehed ma jistax jargumenta li kull att leziv tal-pudur ta' minorenni jammonta awtomatikament jew necessarjament ghal att ta' libidini."**

**16.** Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Kelinu Mifsud** mogħtija mill-Imhallef William Harding fit-8 ta' Jannar 1955 (Vol. XXXIX.iv.931) jintqal hekk:

**"L-artikolu dwar l-attentat vjolent ghall-pudur kien mehtieg, ghax, jekk l-azzjoni tas-suggett attiv tkun oltraggjat il-pudur tas-suggett passiv, dan hu bizzejjed, kien x'kien il-motiv li spinga s-suggett attiv, anki jekk ma kienx fini libidinuz, imma, per ezempju, kien vendetta. Hekk kien il-kaz 'Rex vs Carmelo Delia', 2 ta' Dicembru 1901, fejn is-suggett attiv iddiporta ruhu dizonestament ma' mara, izda ghall-fini ta' vendetta; u l-Qorti qalet – 'Atteso che, secondo la costante giurisprudenza dei nostri tribunali, il reato contemplato nel precitato articolo comprende qualunque atto che si estrinseca nell'oltraggio violento all'altrui pudore, per qualsiasi motivo diretto, senza che nulla influisce sulla nozione del reato la diversita` della**

**causa che abbia spinto ad agire, semprecche` l'azione abbia prodotto il risultato di oltraggiare violentemente il pudore altrui.'**

**L-istess jghid l-Arabia (Principi del Diritto Penale, p. 344), fejn b'riferenza ghall-ghemil tas-suggett attiv f'reat simili, jindikah bhala 'ogni via di fatto, ogni atto che offende il pudore. Non sono questi atti quelli di libidine, perche` non han per fine assoluto lo sfogo libidinoso. Possono essere fatti anche per ingiuria o vendetta."**

**17.** Fiċ-ċirkostanzi odjerni din il-Qorti hi tal-fehma li l-att kważi fuġġesk ta' l-appellant ma kienx magħmul b'intenzjoni libidinuża u li dan l-att kien nieqes mill-potenzjalita` korruttriċi iżda biżżejjed biex jiġi oltraġġat il-pudur tal-minorenni (jew almenu ta' uħud minnhom). Konsegwentement l-aġir ta' l-appellant għandu jitqies li jikkostitwixxi attentat vjolenti għall-pudur.

**18.** It-tieni aggravju jirrigwarda l-piena. Stante li l-appellant sejjer jinstab ħati tar-reat minuri ta' attentat vjolenti għall-pudur, il-piena trid neċessarjament tiġi ridimensjonata. Barra minn hekk din il-Qorti nnutat illi l-fedina penali ta' l-appellant, salv, *prima facie*, żewġ okkażjonijiet li jirrisalu għas-sena 1992 u s-sena 1994 rigwardanti ksur ta' regolamenti dwar l-iġjene ta' l-ikel, baqgħet għal kollox nadifa.

**19.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant ħati tar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni kif kontemplat fl-ewwel imputazzjoni u minflok ma ssibux ħati ta' dik l-imputazzjoni u minnha tilliberah; iżda ssibu ħati talli fl-24 ta' Awissu 2004 fl-inħawi ta' Delimara, M'Xlokk għall-ħabta tat-3.30 p.m. ikkommetta attentat vjolenti fuq il-pudur ta' DB ta' erbatax-il sena, RG 1 ta' erbatax-il sena, RG ta' tlettax-il sena u LF ta' tnax-il sena, bit-tieni imputazzjoni assorbita f'dan ir-reat u, wara li rat l-artikolu 207, 202, 209 u 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundannah għall-piena ta' ħames xhur priġunerija liema sentenza ma għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk matul il-perijodu ta' sentejn millum huwa jikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija. Din il-Qorti spjegat lill-appellant bi kliem ċar ir-responsabbilta` tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija. Tattira l-attenzjoni tar-Reġistratur tal-Qorti għad-dmirijiet tiegħu skond is-subartikolu (8) ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.